MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 1124/2005

Paul Falzon
vs
Pauline Debono
Madame X Ltd
Registratur tal-Kumpaniji

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ippremetta:

Illi l-attur Paul Falzon huwa azzjonista flimkien mal-konvenuta Pauline Debono fis-socjeta` Madame X Limited.

Illi l-attur ricentament gie a konoxxenza tal-fatt illi l-firma tieghu giet falsifikata fuq dokument igib id-data tat-22 ta' Ottubru, 1997, kif wkoll l-anness ***memorandum and articles*** ta' l-istess socjeta` (ara Dok 'A'), liema dokumenti gew pprezentati fir-Registru tal-Kumpanniji.

Illi l-attur qatt ma ffirma d-dokument li jgib id-data tat-22 ta’ Ottubru, 1997, kif ukoll il-***memorandum and articles*** ta’ l-istess socjeta` anness mac-citazzjoni.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-firma fuq id-dokument tas-socjeta` datata 22 ta’ Ottubru, 1997, u l-***memorandum and articles*** ma hix dik ta’ l-attur.

2. Tiddikjara id-dokument tas-socjeta` datata 22 ta’ Ottubru, 1997, u l-***memorandum and articles*** huma irriti u nulli.

3. Tiddikjara li kull decizjoni, att u obbligazzjoni li s-socjeta` Madame X Limited ghamlet bis-sahha ta’ dawn id-dokumenti huma irriti u nulli; u

4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jisfilza l-imsemmija dokumenti mir-Registru tal-Kumpanniji.

Bl-ispejjez, u l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tal-Kumpanniji li biha eccepixxa:

Illi in kwantu ghall-meriti fattwali tal-proceduri odjerni, partikolarment in kwantu ghall-fatt jekk kienx hemm falsifikazzjoni jew le tal-firma ta’ l-attur fuq id-dokumenti tal-compliance, kif ukoll jekk kienx hemm xi decizjoni, att jew obbligazzjoni li s-socjeta` Madame X Limited ghamlet bis-sahha tad-dokumenti msemmija, il-konvenut Registratur tal-Kumpanniji jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti peress illi hu mhux edott mill-fatti kollha dikjarati mill-attur.

Illi l-konvenut ihoss li l-uniku interess tieghu f'din il-kawza ghandu jikkoncerna dak li ghandu x'jaqsam mal-operat tieghu bhala Registratur tal-Kumpanniji, kif mitlub mil-ligi, partikolarment fejn jikkoncerna r-registrazzjoni ta' dokumenti li jkunu mehtiega li jigu konsenjati jew notifikati lilu ghar-registrazzjoni skond xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Illi meta r-Registratur tal-Kumpanniji jircievi dokument li jkun konsenjat lilu ghar-registrazzjoni, huwa jaccetta tali dokument fuq il-premessa li d-dokument ikun gie konsenjat lilu in buona fede u jirregistrah skond kif titlob minnu l-ligi.

Illi f'dan il-kaz, ir-Registratur mexa b'mod korrett u diligenti u ghalhekk ihoss illi ma kellux ikun wiehed mill-legittimi kontradditturi fil-proceduri odjerni.

Illi ma kien hemm ebda cirkostanza specjali li tindika fid-dokumenti in kwistjoni possibilita` ta' frodi jew mala fede.

Illi l-kumpannija hija regolata mill-Att dwar il-Kumpanniji u li ma hemm l-ebda provvediment fl-istess Att li jipprovdi li r-Registratur tal-Kumpanniji jista' min jeddu jhassar id-dokumenti li jkunu registrati mieghu u li jkunu dehru fuq ir-Registru, imma jista' jaghmel dan biss fuq ordni tal-Qorti.

Illi jekk dokumenti registrati jigu mnehhija minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, dan jista' johloq incertezzi kbar dwar l-istatus tal-kumpannija Madame X Limited f'mohh terzi, liema interess ir-Registratur huwa marbut li jhares. Dan qieghed jinghad partikolarment minhabba l-fatt illi l-imsemmija dokumenti jgibu d-data ta' 22 ta' Ottubru 1997 u ilhom registrati mis-6 ta' Novembru 1997, u ghalhekk madwar disa' snin.

Illi f'kaz illi l-Qorti tiddeciedi li tilqa t-talba ta' l-attur ghandha fl-istess hin tikkunsidra l-interessi ta' terzi li ikkontrattaw mal-kumpannija in buona fede matul dan iz-zmien kollu, kif ukoll tqis jekk ir-rimedju fit-talba numru 3 ta' l-attur tmurx oltre dak li huwa proporzjonalment xieraq,

anke peress li dawn it-terzi ma humiex parti minn dawn il-proceduri.

Illi l-konvenut Registratur joggezzjona ghat-talba dwar l-ispejjez u m'ghandux jinzamm responsabbli ghal ebda spejjez gudizzjarji ma' dan il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut Registratur tal-Kumpaniji.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Pauline Debono u Madame X Limited li biha eccepew:

Illi preliminarjament, il-kawza hija dezerta a tenur ta' l-artikoli 963 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-ewwel eccezzjoni perentorja moghtija mill-konvenuta, illi l-azzjoni ta' l-attur hija preskritta a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili kif ukoll ta' l-artikolu 1224 ta' l-istess Kodici Civili, skond mil-liema artikoli huwa applikabbli.

Illi minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-eccezzjonijiet fuq moghtija mill-konvenuta fil-meritu li sa fejn taf il-konvenuta Pauline Debono id-dokumenti datati 22 ta' Ottubru, 1997, in kwistjoni kienu gew iffirmati minn Paul Falzon, u tabilhaqq l-attur dejjem ta x'jifhem lill-konvenuta li l-firem kienu tieghu.

Illi minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-eccezzjonijiet fuq moghtija mill-konvenuta, illi d-dokumenti in kwistjoni datati 22 ta' Ottubru, 1997, huma validi.

Illi minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-eccezzjonijiet fuq moghtija mill-konvenuta, kull azzjoni, negozju u obligazzjonijiet maghmula mis-socjeta` konvenuta huma validi indipendentement mill-validita` o meno tad-dokumenti datati 22 ta' Ottubru, 1997.

Illi minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-eccezzjonijiet fuq moghtija mill-konvenuti, jigi eccepit ukoll in-nuqqas ta' interess guridiku tal-attur.

Illi minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-eccezzjonijiet fuq moghtija mill-konvenuta, il-konvenuta eccepiet li l-kawza hija kompletament vessatorja.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din is-sentenza qeghda tinghata dwar jekk l-azzjoni attrici marritx dezerta stante li l-konvenuti gew notifikati bl-att tal-kawza aktar minn sitt xhur wara li tressqet l-azzjoni.

Ill-l-artikolu 963 (1) u (2) tal-Kap 12 jiddisponi:
(1) "Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu(3) u tal-artikoli 416 u 420, il-procedura bil-miktub f'kull kawza, ghandha tigi maghluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur, u fil-qorti fil-grad ta' appell, fiz-zmien perentorju ta' sena.
(2) "Fil-Qorti tal-ewwel grad, iz-zmien jibda ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors tal-appell ghat-thassir jew tibdil ta' sentenza appellata."

Illi kif inghad fis-sentenza **Joseph Grima vs Victor Aquilina pro et noe** Prim' Awla Qorti Civili deciza fis-17 ta' Frar 2000:

"………huwa car li l-principju li ghandu janima lill-gudikant, huwa dejjem dak ritenut mill-Qrati taghna illi tali istitut ta' dezerzjoni huwa intenzjonat biss sabiex jippenalizza lill-attur jew appellant minhabba l-htigijiet amministrattivi tal-Qorti. Illi ghalhekk, f'kaz li l-ordni tal-Qorti ghall-appuntament tal-kawza, isir wara l-perjodu ta' sitt xhur mid-data meta tkun prezentata c-citazzjoni, dan ma ghandu jkun ta' ebda hsara lill-attur, li certament ma kellu ebda ghazla fuq il-jum meta tinghata dik l-ordni. Kull argument iehor ikun negazzjoni tad-drittijiet elementari tal-gustizzja."

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta [Imh. JR Micallef] fil-5 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **Mario Schembri et vs Dr. Anthony Galea Debono** inghad:

"Illi meta l-istitut tad-dezerzjoni ddahhal fil-Kodici procedurali taghna, kien japplika biss ghal dawk il-kawzi li tressqu bl-ghamla solenni (jigifieri, bil-mezz ta' libell). Ghalhekk, jista' jkun hemm il-fehma li dan l-istitut ma japplikax ghal dawk il-kawza mibdija bil-procedura sommarja, jigifieri b'att tac-citazzjoni.

Illi wiehed irid jara jekk kemm il darba dan li ghadu kemm inghad ghadux jghodd illum, jigifieri wara li dahlu fis-sehh il-bidliet fil-Kodici fl-1995, fejn il-forma solenni fl-ewwel grad tnehhiet izda ma tnehhiex l-istitut tad-dezerzjoni. Dan jinghad ghax fis-subartikolu (2) tal-artikolu 963, li jitkellem dwar minn meta jibda jinghadd iz-zmien ta' sitt xhur, il-ligi ssemmi "l-prezentata tac-citazzjoni". Minkejja dan, din il-Qorti diversament preseduta, kellha l-opportunita` li tqis din il-kwistjoni u kienet uriet il-fehma li s-sitt xhur imsemmija fl-artikolu 963(1) kif inhu llum xorta ma japplikawx ghal procedura mibdija b'Att ta' citazzjoni, ghaliex fi proceduri sommarji m'hemmx zmien ghall-atti miktuba;

Illi madankollu, wiehed ghandu jsemmi l-ligi, wkol f'dak li jirrigwarda l-proceduri informali jew sommarji, tiffissa zmien jew fazi ta' proceduri preliminari li matulhom huwa mistenni li jitressqu l-atti bil-miktub mill-partijiet u li ma' l-

gheluq tieghu, il-kawza titqieghed fuq il-listi ghas-smiegh. F'dan il-kaz, allura hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-istitut tad-dezerzjoni jsir japplika b'dak il-mod u f'dawk ic-cirkostanzi, ukoll fil-kaz ta' proceduri mibdijin b'Att ta' citazzjoni;

Illi ghal zmien twil id-disposizzjonijiet tal-ligi ghar-rigward, gew imfissra u applikat b'mod iebes u intransigenti ghall-ahhar u dan bil-hsieb li jigi mhares in-nuqqas ta' dewmien mhux mehtieg fil-kawzi. Min-naha l-ohra, jidher li huwa daqstant xieraq u misthoqq li l-ligi tassikura li s-sanzjonijiet mahsuba fl-istitut tad-dezerzjoni ma jintefghux fuq il-parti li tonqos li twettaq il-parti taghha fiz-zmien stabbilit minkejja r-rieda taghha, jew jekk turi li trid tuza l-hila kollha taghha biex tilhaq lill-parti l-ohra, jew fejn il-parti l-ohra tirrinunzja ghall-eccezzjoni;

Illi kif inghad minn din il-Qorti wkoll, l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux nahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant skond il-kaz) minhabba htigiejiet amministrattivi tal-Qorti. Issa fil-qaghda procedurali li tapplika bhalissa, peress li c-citazzjoni ma tistax tigi notifikata lil-imharrek qabel ma tkun inharget b'ordni mill-Qorti, l-attur ma jistax jigi kastigat ghaz-zmien li jkun ghadda bejn meta jkun ressaq l-att tac-citazzjoni u meta dan ikun inhareg b'ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum ghall-ewwel smiegh;

Illi ghalhekk jidher li waqt li wiehed ghandu jqis b'applikazzjoni ghaz-zmien imsemmi fl-artikolu 963(1) tal-Kap 12 huwa dak ta' meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smiegh u jinhareg l-avviz ta' dik id-data;

Illi minbarra f'dan, din il-Qorti temmen il-ligi fir-rigward trid titqies kollha, u wiehed ma jridx iwarrab minn quddiemu dak li jghid l-artikolu 963(5) tal-Kap 12 dwar iz-zmien imsemmi fis-subartikolu (2) ghal dak li jirrigwarda kaz li jkunu pendenti quddiem il-Qorti fl-ewwel grad. F'dak il-kaz, il-ligi tghid li kawza li l-proceduri bil-miktub taghha

ma jinghalqux fi zmien tas-sitt (6) xhur, titqies li tqeghdet fuq il-lista tal-kawzi, li f'cirkostanzi ohrajn, jithallew ***sine die*** taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 974 tal-istess Kodici. L-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 ma jghidx li l-kawza trid tkun segwiet l-iter imsemmi fl-artikolu 964(1), imma biss li, f'kaz li kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, li l-procedura bil-miktub ma tkunx inghalqet fiz-zmien imfisser fl-artikolu 963(1), din titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista tas-smiegh u ttqies bhala kawza li, b'ordni tal-Qorti, tkun marret ***sine die***, ghalkem fil-fatt ma tkun ghadha qatt hekk tqeghdet;

Illi l-frazi "ghandha titqies" li tinsab fl-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 trid tigi mfissra kif riedha l-legislatur, jigifieri li l-kawza fl-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub taghha ma jkunux inghalqu fi zmien ta' sitt xhur, tkun tqeghdet ghas-smiegh u thalliet b'ordni tal-Qorti ***sine die***, bl-effetti mahsuba fl-artikolu 964 dwar kawzi hekk imhollija, maghdud maghhom fl-istadju tal-pubblikazzjoni tal-listi kif hekk imfisser;

Illi dejjem marbuta mal-kwistjoni tad-dezerzjoni u ghall-finijiet tal-artikolu 732(2) tal-Kap 12, irid jinghad ukoll li l-eccezzjonijiet taht ezami tressqu mill-imharrkin f'waqthom u qabel kull eccezzjoni ohra u ghalhekk mhemmx dubju li huma ma jirrinunzjawx ghaliha b'xi ghemil iehor waqt it-trattazzjoni. Dan il-fatt juri wkoll li l-eccezzjoni tad-dezerzjoni trid titqanqal specifikament biex il-Qorti taghti widen ghaliha: id-dezerzjoni mhijiex kostatazzjoni li l-Qorti tista' minn rajha tqanqal ***ex ufficio***. Kieku dan mhux il-kaz, l-artikolu 963(4) tal-Kap 12 ma jinftihemx….."

Fil-kawza **Azzopardi vs Aquilina et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Novembru 1999, inghad li:
"……l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur li ma jkunx qed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur minhabba htigijiet amministrattivi tal-Qorti."

Fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ukoll tat-22 ta’ Jannar, **Francesco Saverio Frendo vs Rev. Giuseppe Frendo et** intqal:
“Fil-kaz ta’ kawzi fl-ewwel grad fejn ma jkunx gie osservat id-dispost tas-subinciz (1) tal-istess artikolu u fejn allura l-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fiz-zmien stipulat [kif hu l-kaz taht ezami] din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta’ kawzi ghas-smiegh u li, sussegwetemenet, b’ordni tal-Qorti tkun thalliet ghal data mhux specifikata, u d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 964 sa 967 ta’ dan il-Kodici ghandhom ikun u japplikaw ghaliha.”

“Kjarament, allura, l-ligi ma tridx illi f’kaz ta’ kawza quddiem Qorti tal-ewwel grad ikun hemm dezerzjoni awtomatika meta l-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fi zmien statutorju. Il-Qorti f’dan il-kaz, stabbiliet procedura preciza kif tali dezerzjoni kellha f’dawn il-kazijiet tavvera ruhha.”

Hawnhekk, ta min jikkwota l-artikolu 964(1) li jghid:
“Kull kawza li jkun hemm f’Qorti ta’ gurisdizzjoni civili, wara li tkun giet imressqa ghas-smiegh, tigi b’ordni tal-Qorti differita sine die, jew xort’ ohra sospiza ghandha titqies bhalla dezerta sakemm ma tigix appuntata mill-gdid mill-Qorti fiz-zmien perentorju ta’ sitt xhur minn meta tkun hekk giet differita jew sospiza, jew ikun gie pprezentat fil-Qorti, rikors, f’dak il-perjodu, biex tigi appuntata mill-gdid…..”

Illi fis-sentenza **Direttur tal-Kuntratti vs Andrei Cassar,** Prim’ Awla Qorti Civili deciza fid-29 ta’ Novembru 2001, inghad:
“Illi fil-fehma tal-Qorti, f’dak il-kaz iz-zmien li fih il-kawza tinzamm ‘imdendla’ qabel titqies li marret dezerta jitwal biz-zmenijiet imsemmija fl-artikoluu 964(1) u 967.”

Illi pero` dan ir-ragunament ma giex segwit fil-kawza fl-ismijiet **Distinct Conversions Ltd. Vs Joseph u Agnes Fasanelli** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Jannar 2003 intqal:

“Wara li kompliet telabora aktar dwar id-diversi fehmiet li gew espressi dwar dawn l-izviluppi kif jittrapellaw minn decizjonijiet varji moghtijin mill-Qrati taghna, l-ewwel Qorti ssottolinejat li gej, ma’ liema fehma din il-Qorti taqbel perfettament u cioe` li:

“…..l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-kaz) minhabba htigijiet amministrattivi tal-Qorti (ara decizjoni **Azzopardi vs Aquilina et ,** Prim’ awla Qorti Civili tal-5 ta’ Novembru 1999). Issa, fil-qaghda procedurali li tapplika bhalissa, peress li citazzjoni ma tistax tigi notifikata lill-imharrek qabel ma tkun inharget b’ordni mill-Qorti, l-attur ma jistax jigi kkastigat ghaz-zmien li jkun ghadda bejn meta jkun ressaq l-Att tac-citazzjoni u meta dan ikun inhareg b’ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum tal-ewwel smiegh (Ara decizjoni **Elmo Insurance Services Ltd. Vs E. Pace et ,** Prim’ Awla 14 ta’ Lulju 2000).”

Jidher li l-gurisprudenza taghna mxiet fid-direzzjoni li waqt li wiehed ghandu jqis b’applikazzjoni ghaz-zmien imsemmi fl-artikolu 963(1) tal-Kap 12 huwa dak iz-zmien ta’ meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smiegh u jinhareg l-avviz ta’ dik id-data. (Ara **Dr. K.F. Dingli noe Vs Dr. R. Porsella Flores noe et** Prim’Awla, 16 ta’ Frar 2001).

Fil-kaz citat hawn fuq tal-Qorti tal-Appell, kompla jinghad hekk:
“Ghas-socjeta` appellanti ghalhekk dak kollu li hemm stipulat fil-ligi fir-rigward ta’ kawzi li jkunu marru sine die ghandu mutatis mutandis jghodd u japplika bl-istess mod ghall-kaz tieghu. Gie rilevat ukoll li l-legislatur ghazel li ma jaghmilx distinzjoni bejn kawzi li jitqiesu li marru sine die ghax ma nghalqux il-proceduri bil-miktub fiz-zmien stipulat u dawk il-kawza li jkunu gew differiti sine die b’digriet tal-Qorti. U fejn il-legislatur ma jiddistingwix, mhuwiex lecitu li tiddistingwi l-Qorti. Din il-posizzjoni giet imtennija anke qabel ma giet moghtija s-sentenza mill-

Qorti tal-ewwel grad.  Fi kliem iehor, dejjem skond l-appellanti, din il-kawza messha giet ippublikata mal-kawzi l-ohra li marru sine die, u li kellha titiqies biss li marret dezerta  kif hemm imnizzel fl-artikolu  965."

Fl-istess data l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presedjuta bl-istess mod izda bil-membri l-ohra differenti, fil-kawza **Id-Direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Ltd.** deciza wkoll fil-31 ta' Jannar 2003 il-Qorti waslet ghall-istess decizjoni hekk:
"Fil-kaz tal-lum il-kawza ma tqeghditx fuq il-lista msemmija fl-artikolu 964 u ghalhekk iz-zmien imsemmi fl-artikolu 965 sabiex issehh id-dezerzjoni  ghadu ma bediex jghaddi.
Ghal din ir-raguni l-kawza ma titqiesx dezerta, u l-ewwel eccezzjoni hija michuda."

Minn dan kollu msemmi hawn fuq johrog car li:
Il-procedura tad-dezerzjoni tapplika wkoll ghall-procedura bic-citazzjoni;
Illi l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu;
Peress li c-citazzjoni ma tistax tigi notifikata lill-imharrek qabel ma tkun inharget b'ordni  mill-Qorti, l-attur ma jistax jigi kastigat ghaz-zmien li jkun ghadda bejn meta jkun ressaq l-Att tac-Citazzjoni u meta jkun inhareg b'ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum ta' l-ewwel smiegh;
Ghalhekk, it-terminu msemmi ta' sitt xhur ma jiddekorrix kif tispecifika l-ligi fl-artikolu  [l-artikolu 963(2) mill-prezentata tac-citazzjoni] izda minn meta tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smigh u jinhareg l-avviz ta' dik id-data;

L-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 jsemmi li meta kawza tkun quddiem qorti ta' l-ewwel grad, din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista tal-kawzi ghas-smigh u li sussegwetement b'ordni tal-qorti tkun thalliet ghal data mhux specifikata u ghandhom japplikaw ghaliha l-artikoli 964 sa 967 u dan meta l-proceduri bil-miktub taghha ma jigux maghluqa fiz-zmien imsemmi fl-artikolu 963.

L-artikolu 964 jsemmi li kull kawza li jkun hemm f'qorti ta' gurisdizzjoni civili differita ***sine die*** jew sospiza ghandha titqies dezerta sakemm ma tigix appuntata mill-gdid mill-Qorti fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk giet differita jew sospiza jew prezentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tigi appuntata mill-gdid.

Bl-emenda ta' l-Att XXXI.2002.188 il-Lista tal-kawzi sospizi fil-qorti spiccat b'mod li l-bazi tas-sentenzi fuq kwotati, **Id-Direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Ltd.** u **Distinct Conversions Limited vs Joseph u Agnes Fasanelli** m'ghadhiex aktar applikabbli.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Georgina Borg vs Errol Cassar** (Citazz. Nru. 754/03) deciza fit-30 ta' Novembru 2007. Fiha nghad:
"Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz kien hemm element ta' traskuragni da parti ta' l-appellanti (u dan ser jigi rifless fil-kap ta' l-ispejjez); ma hemmx dubju wkoll li l-procedura bil-miktub, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 154 u 158 tal-Kap. 12, kellha tinghalaq "fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur" (Artikolu 963(1)), perjodu li, skond gurisprudenza stabbilita, jibda jiddekorri mhux mill-prezentata tac-citazzjoni izda minn meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smigh u jinhareg l-avviz ta' dik id-data (ara, *inter alia*, **Distinct Conversions Limited v. Joseph u Agnes Fasanelli** (fil-kaz odjern, ghalhekk, mid-19 ta' Awissu 2003). Iz-zmien ta' sitt xhur, ghalhekk, kien jaghlaq fl-**20 ta' Frar 2004**. Wara li kien ghalaq dan iz-zmien ta' sitt xhur l-ewwel Qorti f'dan il-kaz ma pprocedietx skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 963 – il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Gunju 2004, bit-theddida ta' kancellament, ma kienitx marbuta ma' zmien perentorju addizzjonali ta' xahar ghall-gheluq tal-procedura bil-miktub izda mal-fatt li kellu jsir "tentattiv ta' notifika". Fl-ewwel udjenza minnufih wara dik tal-20 ta' Frar 2004 – u cioe` dik tat-18 ta' Marzu 2004 – l-ewwel Qorti <u>iddifferiet</u> il-kawza ghat-2 ta' Gunju (u, fl-udjenza tat-2 ta' Gunju, regghet iddifferietha ghas-16 ta' Novembru). Ghalhekk anke jekk wara l-20 ta' Frar 2004 il-kawza kellha, bl-operat kongunt tal-Artikoli 963(5)(a) u 964(1), titqies bhala

kawza li giet differita *sine die* jew li giet sospiza, id-differiment moghti fit-18 ta' Marzu 2004 ghat-2 ta' Gunju 2004 jammonta in effetti ghal riappuntament ghal din l-ahhar data, riappuntament maghmul minn dik il-Qorti *motu proprio* kif jipprevedi s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 964. Kif jirrizulta minn qari akkurat tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet **Id-Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Ltd**, l-Artikolu 963(5)(a) meta abbinat ma' l-Artikolu 964(1) ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva. Huwa minnu li f'dik is-sentenza l-Artikolu 964(1) kien differenti minn kif inhu llum u kif applikabbli ghall-kaz odjern – kif rajna fl-1 ta' Dicembru 2003 dahlet fis-sehh disposizzjoni gdida in sostituzzjoni ghal dik precedenti li kien hemm – izda dan ma jnaqqas xejn mill-forza ta' l-argument li fejn hu possibbli u fejn il-ligi tippermetti, l-atti ghandhom jigu salvati. Anzi wiehed jista' jargumenta li aktar jaghmel sens li l-atti jigu salvati meta si tratta ta' deserzjoni f'qorti ta' l-ewwel grad, peress li b'tali deserzjoni l-procediment jispicca izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni (Art. 963(6)), b'mod ghalhekk li d-deserzjoni hija biss mezz ta' dilazzjoni. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax in-necessita` li jigu mistharrga l-aggravji l-ohra ta' l-appellanti."

Ghalhekk, fil-kaz in ezami jirrizulta li c-citazzjoni giet ipprezentata fl-24 ta' Novembru 2005; il-kawza giet appuntata fit-23 ta' Frar 2006 ghas-27 ta' Marzu 2006. Dan ifisser li t-terminu ta' sitt xhur kien jaghlaq fit-28 ta' Awissu 2006. In-nota ta' eccezzjonijiet tar-Registratur tal-Kumpaniji giet intavolata fit-23 ta' Marzu 2006. Illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Pauline Debono giet intavolata fid-19 ta' April 2007. Dan iwassal li l-procedura bil-miktub kellha tigi maghluqa sat-23 ta' Lulju 2006 [sitt xhur wara l-ordni tal-Qorti li fiha jinghata jum ghall-ewwel smigh tal-kawza u jinhareg l-avviz ta' dik id-data (u wara l-A.L. 342/03) li permezz tieghu dahal b'effett l-artikolu 964 kif emendat mill-1 ta' Dicembru 2003.

Il-kawza giet differita ghal 27/03/06, 31/05/06, 23/06/06, 12/12/06, 18/04/07 u fid-19/04/07 giet sollevata l-eccezzjoni tad-dezerzjoni. Izda jekk wiehed joqghod fuq l-

ahhar imsmemija sentenzaq fl-ismijiet Borg vs Cassar u l-interpretazzjoni hemmhekk moghtija ta' l-artikolu 963(5) wiehed ikollu jikkonkludi li kull darba li sar differiment wara t-terminu ta' sitt xhur, u cioe` t-23 ta' Awissu 2006, il-kawza kienet qed tigi riappuntata mill-Qorti modo proprju. Jinghad ukoll jekk dan mhux sufficjenti li difficilment il-kawza setghet tmur dezerta meta fil-fatt eccezzjoni ta' wiehed mill-konvenuti kienet giet prezentata fit-terminu u cioe` fit-23 ta' Marzu 2006.

**D. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti.

Spejjez ta' din il-parti kontra l-istess konvenuti.

Tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni tal-provi fuq l-aspetti l-ohra tal-kaz ghall-1 ta' Dicembru 2008 fid-9.30 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------